# ID-DWELL F'MALTA FI ŻMIEN L-INGLIŻI (8)



JOSEPH SERRACINO



Każ ieħor interessanti ħafna seħħ f'Jannar tas-sena 1803 f'teatru żgħir f'Marsamxett, il-Belt, li fih kien isir it-teatrin. F'dak in-nhar f'dan it-teatru kien qiegħed isir ballu u f'ħin minnhom inqalgħet tilwima kbira li spiċċat fi glieda u li fiha kienu nvoluti fizzjal Amerikan u żewġ żgħażagħ Ingliżi, John Mill u sieħbu John Cocoran. Wara din il-glieda l-protagonisti stiednu lil xulxin għad-dwell, u kif kienet id-drawwa ta' dak iż-żmien, taw il-biljett lil xulxin.

Meta l-Logotenent Toni Morello bagħat għal Mill u staqsieh dwar l-istedina tad-dwell, dan qallu li l-kwistjoni li kienet inqalgħet bejniethom issewwiet u dan ikkonfermah ukoll surġent Ingliż li dak in-nhar kien għassa fit-teatru ta' Marsamxett. Iżda ġara, li jiem wara ċerta Mudest Balbi, is-sidt tad-dar li fiha kien jgħammar Cocoran, irrapportat lil-Logotenent Morello li tifel Amerikan kien ġab għandha żewġ pistoli f'ġewlaq għal Cocoran, u hi ntebħet mill-ewwel li dawn il-pistoli kienu mħejjijin għal xi dwell peress li Cocoran kien imġiegħel minn Mill biex jikteb biljett għad-dwell.

Aktarx li din il-biċċa tad-dwell kompliet tiggrava ruħha meta ftit jiem wara Cocoran inzerta qiegħed fit-Teatru Manoel u f'ħin minnhom resaq fuqu fizzjal Amerikan u wara li deher ikellmu xejjirlu daqqa ta' ponn. L-istess ġralu Mill hekk kif dan daħal fit-teatru u kien pront resaq fuqhom.

Fil-lejla tat-13 ta' Frar 1803 għal ħabta ta' xit-8.00p.m. Cocoran flimkien ma' tabib Ingliż marru għand ċerta Madalena Zammit, peress li issa kien biddel ir-residenza tiegħu. F'dik il-lejla, Cocoran kien talab lis-seftur tiegħu Ċikku Caruana biex l-għada jqajmu fl-4.00a.m.

Fil-fatt, l-għada fil-għodu, wara li Ċikku qajjem lis-sinjur tiegħu reġa' mar jorqod, iżda ftit wara stembaħ mill-ġdid hekk kif sema' lil Cocoran jitkellem ma' xi ħadd u wara ħarġu flimkien.

Hawnhekk Ċikku ħareġ warajhom u fit-triq iltaqa' ma' Natal li kien is-seftur ta' Mill. Dan qallu li s-sinjur tiegħu ltaqa' ma' Cocoran u Ingliż ieħor u baqgħu sejrin lejn il-Bieb tal-Bombi fejn kellu ssir id-dwell.

Skond ix-xhieda li ngħatat fil-qorti minn Salvu Piott li kien surġent f'wieħed mir-Riġmenti Provinċjali Maltin u li xogħlu kien ta' gwardjan fuq is-suldati li kienu jsewwu t-toroq fl-inħawi ta' Ħal Qormi, sar magħruf li fl-għodwa tat-Tnejn 14 ta' Frar 1803 għal ħabta ta' xis-7.00a.m. hekk kif huwa kien ħiereġ mill-Bieb tal-Bombi osserva żewġt irġiel telgħin mill-foss ta' taħt is-sur, wieħed minnhom kien baħri Amerikan u l-ieħor Malti u wara qagħdu maġenb xulxin fuq trunċiera li hemm fuq il-foss.

Id-dehra ta' dawn irġiel ħassbitu ħażin u mill-ewwel għaddielu l-ħsieb li kien se jsir xi dwell fil-foss. B'dan il-ħsieb f'moħħu huwa resaq lejn xifer il-foss u ta titwila 'l isfel. Hemmhekk huwa ra ħamest irġiel, wieħed minnhom fizzjal Amerikan, ieħor fizzjal tal-baħar u t-tlieta l-oħra kienu lebsin ilbies pajżan. Kif ra hekk, huwa trekken kif seta' wara trunċiera minn fejn seta' jara kollox.

F'ħin minnhom huwa ra lill-Amerikan jitbiegħed mill-erbat irġiel li kienu qegħdin jitħaddtu bejniethom. Wara ftit tnejn minnhom dehru qegħdin jippruvaw żewġ pistoli bil-porvli, u wara li mlewhom bil-balal tbiegħdu xi passi minn xulxin. Mas-sinjal tal-fizzjal Amerikan, għollew il-pistoli, immiraw lejn xulxin u sparaw. Ħadd minnhom ma ntlaqat! Fil-pront resqu tnejn min-nies ħdejn dawk tal-pistoli, imlew mill-ġdid l-armi u meta l-parrinijiet tbegħdu minnhom u ngħata mill-ġdid is-sinjal mill-fizzjal Amerikan, faqqgħet sparatura. Din id-darba wieħed mill-protagoisti ta' dan id-dwell intlaqat f'wiċċu u waqa' fl-art għal mejjet.

Malli spiċċa d-dwell, tnejn minnhom u l-fizzjal Amerikan ħallew il-post u l-ieħor baqa' mal-midrub.

Is-Surġent Piott kompla jixħed billi qal li meta r-raġel li baqa' mal-midrub intebaħ bih, sejjaħlu u meta resaq lejh talbu biex joqgħod ftit mal-midrub sakemm hu jmur iġib kaless. Iżda sakemm wasal lura bil-kaless il-midrub laħaq miet.

Peress li l-mejjet kien John Cocoran huma ħaduh fid-dar ta' Madalen Zammit fejn kien joqogħod. Fl-aċċess li sar wara sar magħruf li John Cocoran – żagħżugħ Irlandiż ta' 23 sena – inqatel b'tir ta' pistola, billi l-balla daħlet minn ħalqu u baqgħet tiela' f'rasu.

Mill-mistoqsijiet li saru lil Mill, u li dehru fir-rapport tal-kumpilazzjoni sar magħruf li fl-għodwa ta' 14 ta' Frar, Cocoran u Ingliż ieħor marru għandu u xorbu ftit rum flimkien. Meta ġie mistoqsi x'kien jismu dan l-Ingliż, huwa baqa' jsostni li ma kienx jafu.

Meta l-Qorti nsistiet ma' Mill biex jgħidilha l-isem tal-Ingliż l-ieħor u dan naqas li jagħtiha l-informazzjoni kollha, il-Qorti tefgħet il-ħtija kollha fuqu u żammitu ħati tad-dwell u għaddiet ir-rapport kollu lill-Gvernatur. Iżda l-Gvernatur ħalla kollox għaddej mar-riħ u ma ttieħdet l-ebda azzjoni kontra Mill.

U min hawn wieħed jinnota li għalkemm f'Malta kienu jeżistu pieni ħorox kontra dawk li jinqabdu jidwellaw, dawn il-liġijiet mhux dejjem kienu jiġu attwati ma' dawk li kienu jiksruhom.

U b'dan il-każ intemm din il-kitba qasira dwar din id-drawwa li ħasdet bosta vittmi u ħalliet biss niket warajha. Kienet drawwa li tul 258 sena tal-ħakma tal-Ordni tal-Kavallieri fuq pajjiżna, xi wħud mill-kavallieri (kif ukoll membri tal-militar Ingliż) nqdew bil-maskra tal-irġulija u bl-abbiltá fl-użu tal-armi biex jaqtgħu l-għatx tal-vendetta tagħhom.

B'danakollu, għalkemm xi wħud mill-kavallieri kellhom in-nuqqasijiet tagħhom, irridu nammettu, li l-istorja glorjuża tal-Ordni żejnet l-istorja ta' gżiritna u ħalliet patrimonju kbir warajha. Waqt li bosta drawwiet sbieħ li ġabu magħhom il-kavallieri mażżmien integraw mat-tradizzjonijiet tagħna u sal-lum għadna ngawduhom, sfortunatment isib oħrajn li, fosthom id-drawwa tad-dwell, li f'għajnejna tasal biex iċċajpar l-immaġini tal-kavallieri u tnessina l-fatt, li bosta membri tal-Ordni qdew dmirhom u rrispettaw il-voti tagħhom tul ħajjithom kollha.

Finalment tajjeb li nfakkar ukoll, li fil-bidu tas-Seklu Għoxrin f'bosta pajjiżi Ewropej id-dwell ġie abolit u meqjus bħala offiża kriminali. Jista' jagħti l-każ li t-taqlib soċjali li beda jsir f'bosta' pajjiżi, il-liġijiet ħorox u l-piena tal-mewt f'każi tad-dwell, id-diżapprovazzjoni ġenerali ta' ħafna u ħafna soċjetajiet madwar id-dinja kollha kif ukoll il-waqgħa mis-setgħa tal-monarkija u l-aristokrazija f'diversi pajjiżi, kienu l-fatturi li għenu ħafna biex taw id-daqqa tal-mewt lil din id-drawwa misħuta...

Referenzi:

Ġużè Gatt: "Id-dwell f'Malta fi żmien l-Ordni", "Il-Malti 1925 – 1926"; "Id-dwell f'Malta fi żmien l-Ingliżi", "Il-Malti 1927 –1929"

Giovanni Bonello: "Duelling in Malta", "The Sunday Times", October 1, 2000; October 8, 2000; October 15, 2000.

Robert Attard: "200 years ago Malta was a US naval base", "The Sunday Times", April 1, 2001 P. 65

